# IL-GMIEL TA' ARTNA

*Ta'* Ġuże' Chetcuti

Smajthom igħidu kemm-il darba Malta ġnien ta' ward u żahar,
Tfewwaħ, tħaddar fir-rebbiegħa, ħajja dejjem lejl u nhar,
Safi s-sema li jsaqqafha, sajf u xitwa kulħadd draħ,
Iżda l-ġmiel ta' Art twelidna ebda għajn ma taf taraħ.

La tfittxux fejn l-oqsma tħammar b'ward is-silla kullimkien,
La tħarsux bejn ikħal w ikħal fejn ix-xemx trodd il-qawmien,
Ma jdumx wisq li dik id-dehra tibda tnin sakemm tintemm,
Għax il-ġmiel ta' Art twelidna ibqgħu żgur ma ssibuhx hemm.

Malta għandha glorja akbar: dan l-Ilsien li nikteb bih,
Li bih ruħi nfisser sewwa meta nkun magħsur bl-uġigħ;
Dan l-Ilsien li qlubna jaħkem iżda l-fehma mà jassarx:
Dan il-ġmiel ta' Art twelidna għadda ż-żmien u ma tħassarx.

Baqa' jikber, baqa' jogħla, u l-egħdewwa saru ħbieb,
Konna ftit, sirna kotrana; kulma jmur kollox jitjieb,
Għax bis-saħħa tiegħu ksibna, ksibna, ksibna l-ogħla ġieh.
Dan hu l-ġmiel ta' Art twelidna, dan l-Ilsien li ħdimna għalih!
Dan hu l-ġmiel ta' Art twelidna, dan l-Ilsien li nħobbu sħiħ!

**STAQSEWNA... U NWIEĠBU**

**Xi ħbieb staqsewna neħdux għalina jekk jagħmlulna xi offerta ta' flus. Ħasbu li l-"Għaqda" tagħna tgħum fil-flus u ma ridux kieku jġagħluna nisthu billi jagħmlu karità magħna.**

**Lil dawn il-ħbieb inweġbuhom li l-"Għaqda" la għandha u lanqas qatt ma kellha flus żejda f'idejha. Barra minn dan, mhux talli ma neħdux għalina jekk xi ħadd jogħġbu jibagħtil-na xi flus, imma nibqgħu nafuhulu tassew u l-flus li jibgħat insibu x'nagħmlu bihom għall-ġid u r-riżq ta' lsienna.**



# TRAB

*Ta'* Dun Frans Camilleri

JEKK toqgħod taħseb sewwa xi jgħidlek il-qassis, nhar l-Erbgħa tal-Rmied, waqt li fuq rasek jagħmillek ir-rmied f'sura ta' salib, jidhirlek, f'dak il-ħin, li l-kliem li jgħidlek ma jaqbilx kollu mas-sewwa: għax jekk toqgħod taħseb, forsi tiġik quddiem għajnejk il-mewt u s-sura li jieħu ġisimna meta tgħib minnu l-ħajja; u għalhekk meta l-qassis jgħidlek "int għad terġa' trab" inti tagħraf li hu qed igħid is-sewwa, u f'dan taqbel miegħu. Iżda ma nafx jekk inti taqbilx (u naħseb li ftit jaqblu) mal-qassis meta jgħidlek "trab inti" waqt li jitlaq minn bejn subgħajh ir-rmied fuq rasek.

Imma l-lum nistgħu naraw, forsi aktar minn qabel, kemm huwa minnu li aħna tassew trab u li nerġgħu nsiru trab. Sa ftit żmien ilu konna naħsbu li t-trab insibuh biss barra t-triq jew fil-fliexken għand l-ispiżjar. Il-lum insibuh għand tal-ħwienet kollha ta' l-ikel; u kulħadd, nistħajjel, għandu fuq l-ixkaffa xi flixkun bit-trab tal-bajd u ieħor bit-trab tal-ħalib ma' ġenb il-bott tat-te u taz-zokkor. Li kien żmien ieħor kien ikollna nqiegħdu fuq is-sajdbord xi tliet jew erba' bċejjeċ oħra mas-sett tat-te; imma l-lum min għandu ftit trab tal-bajd igħassisha aktar mill-ġdur u mill-kabocċi, u għalhekk iqiegħdu f'xi armarju u mhux fuq is-sajdbord, fejn jidher.

U tabilħaqq, it-trab sirna ngħożżuh l-aktar fost il-ħwejjeġ li għandna! Il-lum qegħdin nieklu t-trab. X'ħaġa! Kollox qegħdin jibdlu fi trab; u kollox jerġa' kif kien meta jidħol fl-istonku. Bajda jew tnejn saru żewġ imgħaref trab... u t-trab jerġa' jagħqad u jsir bajd, kif kien qabel. X'għaġeb! Għaġeb tassew. Imma jekk toqgħod taħseb sewwa fuq dan it-tibdil kollu, inti tifhem kif kollox (u dan huwa għaġeb ieħor) jerġa' fejn kien: il-frak kollu li tiekol it-tiġieġa, titħnu u tagħġnu u minnu mbagħad tagħtina l-bajd. Mhux għaġeb, għalhekk, jekk il-bajda, li qabel kienet trab u tħin, tista' terġa' tinbidel fi trab.

Hekk ukoll, kif qegħdin naraw il-lum, jista' jsir u qiegħed isir fil-bniedem. Dak kollu li huwa materjali jista' jinbidel fi trab. Il-ħobż ma jsirx ħobż qabel ma jsir trab; u kollox, kulma tagħtina l-art, bħalma jinbet u jikber fit-trab ta' l-art, jerġa' jin-